

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 586/2009

tas-6 ta' Lulju 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1043/2005 fir-rigward tal-perjodu ta' validità ta' xi ċertifikati ta' rifużjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jstabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli⁽¹⁾, u partikolarment l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 tat-30 ta' Ġunju 2005 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 f'dak li jirrigwarda s-sistema ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni fuq xi prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' prodotti li ma jaqgħux taħt l-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji biex jiġu ffixxati l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet⁽²⁾ jistipula li ċ-ċertifikati ta' rifużjoni li jkun hemm applikazzjonijiet għalihom li huma konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 33 jew l-Artikolu 38a, mhux aktar tard mis-7 ta' Novembru, jibqgħu validi sal-aħħar ġurnata tal-għaxar xahar wara dak li fih tkun saret l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat.

(2) Il-perjodu ta' validità ta' għaxar xhur għaċ-ċertifikati li kien hemm applikazzjonijiet għalihom qabel is-7 ta' Novembru ġie adottat biex jiffaċilita l-ħidma tas-sistema ta' rifużjonijiet fis-sitwazzjoni partikolari tas-sospensjoni antiċipata tar-rifużjonijiet għall-esportazzjoni taz-zokkor wara r-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor. Id-dispożizzjoni li twaqqaf perjodu ta' għaxar xhur validità għandha għalhekk tapplika biss għall-perjodu tal-baġit 2009 u tgħodd għaċ-ċertifikati li saret applikazzjoni għalihom mhux iżjed tard mis-7 ta' Novembru 2008. Din id-dispożizzjoni m'għadhiex aktar meħtieġa u għalhekk għandha tiġi mħassra.

(3) Minħabba li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 585/2009 tas-6 ta' Lulju 2009 li jstipula miżuri eċċezzjonali fir-rigward taċ-ċertifikati tar-rifużjoni għall-għotja ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli f'għamla ta' oġġetti mhux koperti fl-Anness I tat-Trattat⁽³⁾ jgħodd biss għaċ-ċertifikati ta' rifużjoni li

saret applikazzjoni għalihom bejn it-8 ta' Lulju u s-7 ta' Novembru 2008, b'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 33 jew l-Artikolu 38a tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, huwa xieraq li jkun speċifikat li l-emendi li saru permezz ta' dan ir-Regolament huma bla ħsara għar-Regolament (KE) Nru 585/2009.

(4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1043/2005 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni dwar kwistjonijiet orizzontali li jikkonċernaw il-kummerċ ta' prodotti agrikoli proċessati mhux elenkati fl-Anness I tat-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) L-ewwel sottoparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Soġġett għat-tieni sottoparagrafu, iċ-ċertifikati tar-rifużjoni għandhom ikunu validi sal-aħħar jum tal-ħames xahar wara x-xahar meta saret l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat, jew sal-aħħar jum tal-perjodu tal-baġit, liema jaħbat l-ewwel.”;

(2) It-tieni sottoparagrafu huwa mħassar.

Artikolu 2

Il-perjodu ta' validità deċiż fir-Regolament (KE) Nru 585/2009 għandu jgħodd għaċ-ċertifikati ta' rifużjoni li saret applikazzjoni għalihom bejn it-8 ta' Lulju 2008 u s-7 ta' Novembru 2008 b'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 33 jew l-Artikolu 38a tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24.

⁽³⁾ Ara p. 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Vċi President
